

# Kwestjonarju ta' Valutazzjoni tal-Maturità Diġitali għall-Klijenti tal-EDIH

Grupp fil-mira: **Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku**

Stadju: T0 (qabel il-bidu tal-appoġġ mill-EDIH)

## MODULU 1: *Data* tal-Klijenti

F'dan il-modulu, jekk jogħġbok ipprova l-informazzjoni ġenerali bażika dwar l-organizzazzjoni tas-settur pubbliku li hija interessata li tirċievi l-appoġġ mill-EDIH. Din id-data hija meħtieġa sabiex jiġi analizzat kif il-livell ta' maturità diġitali tal-organizzazzjoni tiegħek jitqabbel ma' dak ta' oħrajn simili.

### M1.1. *Data* Ġenerali:

1. Data
2. Isem l-organizzazzjoni appoġġata mill-EDIH:
3. Numru ta' Identifikazzjoni Ieħor (VAT jew ekwivalenti):
4. Persuna ta' kuntatt:
5. Rwol fl-organizzazzjoni:
6. Indirizz tal-posta elettronika:
7. Telefon:
8. Sit web:
9. Tip ta' organizzazzjoni tas-settur pubbliku:
  1. Awtorità nazzjonali
  2. Awtorità reġjonali
  3. Provinċja/awtorità muniċipali
  4. Oħrajn
10. Id-daqs tal-persunal tal-organizzazzjoni:
  1. Daqs żgħir (0-49)
  2. Daqs medju (50-249)
  3. Daqs kbir (250 jew aktar)
11. Indirizz sħiħ (Triq, Kodiċi postali, Belt, Pajjiż)
12. Numru tal-PIC<sup>1</sup> (jekk disponibbli, li għandu jimtleja mill-EDIH)

### M1.2. *Settur ta' Attività:*

13. F'liema minn dawn l-oqsma wiesgħa tal-gvern tappartjeni l-organizzazzjoni tiegħek<sup>2</sup>? Jekk jogħġbok agħżel sa żewġ għażliet:

Primarju (wieħed obbligatorju):

1. Servizzi pubbliċi ġenerali
2. Difiża
3. Ordni u sikurezza pubblika
4. Affarijiet ekonomiċi
5. Ħarsien tal-ambjent
6. Akkomodazzjoni u ħtiġijiet tal-komunità
7. Saħħa

---

<sup>1</sup> Kodiċi tal-Identifikazzjoni tal-Parteċipant

<sup>2</sup> Klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG): [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Classification\\_of\\_the\\_functions\\_of\\_government\\_\(COFOG\)](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Classification_of_the_functions_of_government_(COFOG))

8. Rikreazzjoni, kultura u reliġjon
9. Edukazzjoni
10. Ħarsien soċjali
11. Oħrajn

Sekondarju (wieħed fakultattiv):


1. Servizzi pubbliċi ġenerali
2. Difiża
3. Ordni u sikurezza pubblika
4. Affarijiet ekonomiċi
5. Ħarsien tal-ambjent
6. Akkomodazzjoni u ħtiġijiet tal-komunità
7. Saħħa
8. Rikreazzjoni, kultura u reliġjon
9. Edukazzjoni
10. Ħarsien soċjali
11. Oħrajn

## MODULU 2: Maturità Diġitali

*Il-mistoqsijiet f'dan il-modulu għandhom l-għan li jkejlu l-maturità diġitali tal-organizzazzjoni tiegħek. Din l-informazzjoni se tgħin biex jiġi kkaratterizzat il-punt tat-tluq tal-vjaġġ ta' trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjoni tiegħek, filwaqt li jiġu identifikati oqsma fejn jista' jkollha bżonn appoġġ mill-EDIH. Se tgħin ukoll biex jiġu vvalutati s-servizzi li eventwalment jiġu pprovduti mill-EDIH, kif ukoll biex jiġu vvalutati l-politiki u l-istrumenti finanzjarji tal-UE li jappoġġaw lill-EDIHs. Se jiġu vvalutati d-dimensjonijiet li ġejjin (bl-applikazzjoni tal-kriterji tal-għoti tal-punteġġi spjegati fid-dettall fl-aħħar paġna):*

*Qafas ta' Valutazzjoni tal-Maturità Diġitali għall-Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku (OSPs)*

*Sors: EC JRC Elaborazzjoni proprja*



## M2.1. Strateġija u Investimenti Diġitali

*Il-mistoqsijiet ta' din id-dimensjoni huma maħsuba biex ikopru l-istatus ġenerali ta' strateġija ta' diġitalizzazzjoni fl-organizzazzjoni tiegħek. Dawn jistaqsu dwar il-prontezza tal-organizzazzjoni għall-bidu ta' vjaġġ diġitali li jista' jirrikjedi sforzi organizzattivi u ekonomiċi li għadhom mhumiex previsti u investimenti relatati fid-diġitalizzazzjoni għal kull qasam ta' attività (eżegwiti jew ippjanati).*

1. B'liema minn dawn il-modi li ġejjin tnejniet l-organizzazzjoni tiegħek għal (aktar) diġitalizzazzjoni? Jekk jogħġbok agħżel l-għażliet kollha li japplikaw

1. Il-ħtiġijiet tad-diġitalizzazzjoni huma identifikati u allinjati mat-tfassil tal-politika/mal-oġettivi amministrattivi
2. Ir-riżorsi finanzjarji (fondi proprji, għotjiet, self) huma identifikati biex jiġu żgurati proġetti ta' diġitalizzazzjoni matul mill-inqas is-sentejn ta' wara
3. L-infrastrutturi tal-ICT<sup>3</sup> huma lesti li jappoġġaw il-pjanijiet ta' diġitalizzazzjoni
4. L-ispeċjalisti tal-ICT huma impjegati/sottokuntrattati (jew ġew identifikati ħtiġijiet ta' reklutaġġ/sottokuntrattar)
5. Hemm livell xieraq ta' impenn politiku biex jitmexxew il-bidliet organizzattivi meħtieġa
6. L-amministrazzjoni tal-unitajiet organizzattivi/tad-dipartimenti u l-persunal tagħhom huma ppreparati u lesti biex jappoġġaw il-pjanijiet tad-diġitalizzazzjoni
7. Il-proċessi operazzjonali interni u esterni jistgħu jiġu adattati jekk meħtieġ mid-diġitalizzazzjoni
8. Is-servizzi offline huma lesti biex jinġiebu online jew biex jiġu mmodernizzati ulterjorment permezz tat-teknoloġiji diġitali
9. Is-sodisfazzjon taċ-ċittadini u ta' partijiet ikkonċernati oħra (negozzji, NGOs eċċ.) bis-servizzi/l-interazzjonijiet online jiġi mmonitorjat regolarment (eż. permezz ta' formoli ta' feedback, skambji ta' posta elettronika, media soċjali, eċċ.)
10. Ir-riskji tad-diġitalizzazzjoni (eż. effetti mhux ippjanati fuq oqsma oħra<sup>4</sup>) huma kkunsidrati

2. F'liema minn dawn l-oqsma operazzjonali diġà investiet fid-diġitalizzazzjoni l-organizzazzjoni tiegħek, u f'liema oqsma qiegħda tippjana li tinvesti fil-futur? Jekk jogħġbok agħżel l-għażliet kollha li japplikaw.

	Diġà investiet	Qiegħda tippjana li tinvesti
1. Operazzjonijiet interni (proċessi amministrattivi, strutturali u organizzazzjonali) <sup>5</sup>		
2. Operazzjonijiet esterni (proċessi ta' governanza inklużi modi ġodda ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini) <sup>6</sup>		

<sup>3</sup> B'mod ġenerali, dan jirreferi prinċipalment għall-hardware iżda jinkludi wkoll l-infrastruttura tan-network, l-infrastruttura tal-cloud (il-ħżin tad-data u t-twassil tas-servizzi), is-servers (il-ġbir u l-ġestjoni tad-data lokalment) u t-tablets/it-terminals/il-PCs għall-persunal eċċ.

<sup>4</sup> Ir-riskji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-diġitalizzazzjoni avvanzata jistgħu jinkludu: is-sensji tax-xogħol, l-introduzzjoni ta' preġudizzju teknoloġiku u inġustizzja, theddid għall-privatezza tad-data, eċċ.

<sup>5</sup> Tirreferi għall-introduzzjoni tad-diġitalizzazzjoni biex jittejjbu l-kwalità u l-effiċjenza tal-proċessi interni u esterni. Il-ħolqien ta' forum organizzazzjonali ġodda, l-introduzzjoni ta' metodi u tekniki ġodda ta' ġestjoni, metodi ġodda ta' ħidma.

<sup>6</sup> Tirreferi għall-introduzzjoni tad-diġitalizzazzjoni għall-ħolqien ta' metodi ġodda ta' governanza (għar-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadini (u/jew) bejn in-negozzji u l-amministrazzjoni), l-involviment ta' atturi ġodda, xejriet ġodda ta' kokreazzjoni u interazzjoni.

- |  |  |  |  |
|--|--|--|--|
| <ol style="list-style-type: none"> <li>3. It-tfassil tal-politika (Ċiklu tat-tfassil tal-politika: it-tfassil tal-aġenda, il-formulazzjoni tal-politika, l-adozzjoni tal-politika, l-implimentazzjoni tal-politika, l-evalwazzjoni tal-politika)<sup>7</sup></li> <li>4. Forniment ta' servizzi pubbliċi<sup>8</sup> (jew prodotti)</li> <li>5. Amministrazzjoni finanzjarja (kontabilità, loġistika, fatturi elettroniċi eċċ.)</li> <li>6. Ġestjoni tar-riżorsi umani</li> <li>7. Xiri u akkwist pubbliku</li> <li>8. L-ippjanar u l-ġestjoni tal-proġetti</li> </ol> |  |  |  |
|--|--|--|--|

## M2.2. Prontezza Diġitali:

*Id-dimensjoni tal-prontezza diġitali tipprovdi valutazzjoni tal-adozzjoni attwali tat-teknoloġiji diġitali (kemm teknoloġiji ewlenin kif ukoll teknoloġiji aktar avvanzati).*

3. Liema mit-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet diġitali li ġejjin diġà qed jintużaw mill-organizzazzjoni tiegħek? Jekk jogħġbok agħżel l-għażliet kollha li japplikaw:

1. Infrastruttura tal-konnettività (eż. Internet b'veloċità għolja (fibra), servizzi tal-cloud computing, aċċess remot għas-sistemi tal-uffiċċju)
2. Sit web
3. Formoli bbażati fuq l-internet jew fora għall-komunikazzjoni maċ-ċittadini
4. Live chats, networks soċjali u/jew chatbots biex jikkomunikaw maċ-ċittadini
5. Għodod ta' kollaborazzjoni mill-bogħod (eż. pjattaforma tat-telexogħol, vidjokonferenzi, apprendiment virtwali, pjattaformi u għodod speċifiċi għas-servizz)
6. Portal web intern (Intranet)
7. Sistemi ta' Ġestjoni tal-Infurmazzjoni (eż. l-ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi, il-Kontabbiltà, il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani, il-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, il-fatturazzjoni elettronika)
8. Għodod għas-servizzi pubbliċi diġitali (interazzjoni online maċ-ċittadini u/jew man-negozji, forniment ta' servizzi online)
9. Għodod tal-akkwist pubbliku (akkwist elettroniku)

4. Liema mit-teknoloġiji diġitali<sup>9</sup> avvanzati li ġejjin diġà jintużaw mill-organizzazzjoni tiegħek? Jekk jogħġbok agħżel l-għażliet kollha li japplikaw bl-użu tal-iskala pprovduta.

(Ma tintużax, Ikkunsidrata għall-użu, Prototipar, Ittestjar, Implimentazzjoni, Operazzjonali):

<sup>7</sup> Tirreferi għall-introduzzjoni tad-diġitalizzazzjoni għat-titjib fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-kostitwenti u t-tqassir taż-żmien meħtieġ għall-iżvilupp, it-test, l-implimentazzjoni u t-tixrid ta' politika.

<sup>8</sup> Tirreferi għall-introduzzjoni tad-diġitalizzazzjoni għall-ħolqien ta' servizzi jew prodotti pubbliċi ġodda jew għat-titjib ta' dawk eżistenti.

<sup>9</sup> Dan l-aħħar studju tal-JRC ippropona għadd ta' teknoloġiji emerġenti u maturi fis-settur pubbliku bħala rilevanti għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-forniment tas-servizzi pubbliċi diġitali: Il-Kummissjoni Ewropea, Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Bruno, I., Schiavone Panni, A., Marchetti, V., et al., A multi-dimensional framework to evaluate the innovation potential of digital public services : a step towards building an innovative public services observatory in the EU, Misuraca, G.(editur), Lobo, G.(editur), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/09628>

1. Intelliġenza Artifiċjali (eż. Tagħlim awtomatiku, Tagħlim fil-fond; Sistemi bbażati fuq Esperti u Regoli; Informatika konjittiva, analitika predittiva; Awtomatizzazzjoni tal-proċess robotiku; Ipproċessar tal-Lingwa Naturali, Estrazzjoni tat-test, Viżjoni tal-Kompjuter)
2. Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni (eż. Networks 5G u Apparati li Jinżammu fl-Idejn; Networks Definiti mis-Software)
3. Infrastrutturi tal-Computing (eż. Computing ta' Prestazzjoni Għolja; Cloud computing, Edge computing)
4. Teknoloġija ta' Reġstru Distribwit (eż. Blockchain; Teknoloġiji ta' Reġstru Distribwit oħra)
5. Identità u Sigurtà Diġitali (eż. Firewall u Protokolli; Antivirus u Skenners tal-Vulnerabbiltà; Skrinjar bijometriku; Ċibersigurtà orjentata lejn il-cloud; Analitika Avanzata tal-Utent; Mobile ID; Oqfsa tal-Identità Diġitali)
6. Teknoloġiji immersivi (eż. Realtà Awmentata; Realtà virtwali)
7. Internet tal-Oġġetti u Apparat Intelliġenti (eż. Apparat Mobbli, Apparat li Jintlibes u Sensuri; Pjattaformi tal-Internet tal-Oġġetti)
8. Software u Teknoloġiji tas-Servizzi (eż. APIs, Servizzi tal-Web, Mikroservizzi inklużi r-Reġistri u s-Suq; Teknoloġiji ta' Bus tas-Servizzi tal-Intrapriżi u Utilitajiet tas-Servizz tal-Gvern)

### **M2.3. Diġitalizzazzjoni ċċentrata fuq il-bniedem:**

*Din id-dimensjoni tħares lejn kif il-persunal huwa kkwalifikat, impenjat u awtorizzat bit-teknoloġiji diġitali u minnhom, u kif tjebru l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, bil-għan li jżiedu l-produttività u l-benesseri tiegħu.*

5. X'taġhmel l-organizzazzjoni tiegħek biex tħarreġ mill-ġdid u ttejjeb il-ħiliet tal-persunal tagħha għad-diġitalizzazzjoni? Jekk jogħġbok agħżel l-għażliet kollha li japplikaw:
  1. Tivvaluta l-lakuni fil-ħiliet diġitali tal-persunal
  2. Tfassal pjan ta' taħriġ biex tħarreġ u ttejjeb il-ħiliet tal-persunal
  3. Torganizza taħriġ qasir, tipprovdi tutorials/linji gwida u riżorsi oħra ta' tagħlim elettroniku
  4. Tiffaċilita opportunitajiet ta' apprendiment bl-għemil/tagħlim bejn il-pari/esperimentazzjoni
  5. Toffri traineeships u kollokamenti f'impjiegi f'oqfsa ta' kapaċità ewlenin
  6. Tisponsorja l-parteċipazzjoni tal-persunal f'taħriġ organizzat minn organizzazzjonijiet esterni (fornituri ta' taħriġ, akkademja, bejjieġha)
  7. Tagħmel użu minn programmi ssussidjati ta' taħriġ u ta' titjib tal-ħiliet
  
6. Meta tadotta soluzzjonijiet diġitali ġodda, l-organizzazzjoni tiegħek kif tinvolvi u taġhti s-setgħa lill-persunal u lill-utenti finali tagħha (ċittadini/negozji fil-każ ta' servizzi pubbliċi diġitali)? Jekk jogħġbok agħżel l-għażliet kollha li japplikaw:
  1. Tiffaċilita l-għarfien tal-persunal dwar teknoloġiji diġitali ġodda
  2. Tikkomunika pjanijiet ta' diġitalizzazzjoni lill-persunal b'mod trasparenti u inklużiv
  3. Timmonitorja l-aċċettazzjoni tal-persunal u tiegħu miżuri biex ittaffi l-effetti kollaterali potenzjali (eż. il-biża' mill-bidla; il-kultura "dejjem attiva" vs. il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; is-salvagwardji għar-riskji ta' ksur tal-privatezza eċċ.)
  4. Tinvolvi lill-persunal (inkluż persunal mhux tal-ICT) fid-disinn u fl-iżvilupp tad-diġitalizzazzjoni tal-prodotti/tas-servizzi/tal-proċessi

5. Tagħti lill-persunal aktar awtonomija u għodod diġitali xierqa biex tiegħu u twettaq id-deċiżjonijiet
6. Tfassal mill-ġdid/Tadatta l-impjeggi u l-flussi tax-xogħol abbażi tar-rispons tal-persunal
7. Tistabbilixxi arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli permessi mid-diġitalizzazzjoni (eż. It-telexogħol, ix-xogħol ibridu)
8. Tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persunal tim/servizz ta' appoġġ diġitali (intern/estern)
9. Tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utenti finali tim/servizz ta' appoġġ diġitali (intern/estern)
10. Tuża feedback mill-utenti finali (ċittadini/negożji) biex ittejjeb is-servizzi pubbliċi diġitali

#### **M2.4. Ġestjoni u Sigurtà tad-Data**

*Din id-dimensjoni tkopri kif id-data tinħażen b'mod diġitali, tiġi organizzata fi ħdan l-organizzazzjoni, issir aċċessibbli minn apparat konness u tiġi sfruttata għal skopijiet ta' negozju, filwaqt li tingħata attenzjoni lill-iżgurar ta' protezzjoni suffiċjenti tad-data permezz ta' skemi taċ-ċibersigurtà. Il-mistoqsija tkopri d-data maħżuna fil-forom kollha possibbli inklużi dokumenti.*

7. Kif tiġi ġestita d-data tal-organizzazzjoni tiegħek (jiġifieri maħżuna, organizzata, aċċessata u sfruttata)? Jekk jogħġbok agħżel l-għażliet kollha li japplikaw:
  1. L-organizzazzjoni għandha stabbilita politika/pjan/sett ta' miżuri għall-ġestjoni tad-data
  2. L-organizzazzjoni ma tużax formoli stampati biex tiġbor id-data
  3. Id-data tinħażen biss b'mod diġitali fl-organizzazzjoni (eż., fl-applikazzjonijiet tal-uffiċċju, fil-folders tal-posta elettronika, fl-applikazzjonijiet awtonomi, fil-bażijiet tad-data, fis-sistemi ta' ġestjoni tad-dokumenti, fl-ERP eċċ.)?
  4. Id-data hija integrata kif xieraq (eż. permezz ta' sistemi interoperabbli, Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet) anke meta tiġi distribwita fost sistemi differenti
  5. Id-data hija aċċessibbli f'ħin reali minn apparat u postijiet differenti
  6. Id-data miġbura tiġi analizzata u rrapportata sistematikament għat-teħid tad-deċiżjonijiet
  7. Id-data tal-organizzazzjoni tiġi mtejjba b'data ta' partijiet terzi (jiġifieri data minn organizzazzjonijiet oħrajn tas-settur pubbliku u/jew atturi tas-settur privat)
  8. L-analitika tad-data tal-organizzazzjoni hija aċċessibbli mingħajr il-ħtieġa ta' assistenza esperta fuq bażi regolari (eż. permezz ta' tabelli)
  9. Id-data tal-organizzazzjoni hija disponibbli pubblikament permezz ta' pjan ta' politika dwar id-Data Miftuħa
  
8. Id-data tal-organizzazzjonijiet tiegħek hija sigura biżżejjed? Jekk jogħġbok agħżel l-għażliet kollha li japplikaw:
  1. Fl-organizzazzjoni tagħna hemm fis-seħħ politika/sett ta' miżuri dwar is-sigurtà tad-data
  2. Hemm pjanijiet u miżuri stabbiliti biex tiġi ssalvagwardjata d-data tal-organizzazzjoni miċ-ċiberattakki
  3. Il-persunal jiġi infurmat u mħarreġ regolarment dwar kwistjonijiet/riskji taċ-ċibersigurtà u tal-protezzjoni tad-data
  4. It-theddid ċibernetiku jiġi mmonitorjat u vvalutat regolarment
  5. Tinżamm kopja tal-backup sħiħ tad-data kritika tan-negożju (mhux fuq il-post/fil-cloud)
  6. Hemm pjan għall-kontinwità tal-operat fis-seħħ f'każ ta' fallimenti katastrofiċi (eż. id-data kollha tissakkra minn attakk ta' ransomware jew ħsara fiżika lill-infrastruttura tal-IT)

#### **M2.5. Interoperabilità**

Din id-dimensjoni tesplora l-livell ta' interoperabbiltà<sup>10</sup> li laħqet l-organizzazzjoni imkejjet skont il-livell ta' ppjanar/implementazzjoni ta' għadd ta' prinċipji ta' interoperabbiltà mit-12-il prinċipju tal-interoperabbiltà tal-Qafas Ewropew għall-interoperabbiltà l-ġdid (FEI)<sup>11</sup>.

9. Filwaqt li tiddiġitalizza l-proċessi u s-servizzi, x'taġħmel l-organizzazzjoni tiegħek biex tikkondividi d-*data*, l-informazzjoni u l-għarfien ma' organizzazzjonijiet oħra tas-settur pubbliku? Jekk jogħġbok agħżel l-għażliet kollha li japplikaw għall-organizzazzjoni tiegħek billi tuża l-iskala pprovduta:  
(Mhux implimentata u/jew ma hemm l-ebda pjan biex tiġi implimentata, Hemm pjan biex tiġi implimentata, Diġà implimentata)

	Implementata	Ippjanata
<ol style="list-style-type: none"> <li>1. Tippubblika d-<i>data</i> bħala <i>Data</i> Miftuħa</li> <li>2. Tiżgura kundizzjonijiet ekwi għas-software b'sors miftuħ</li> <li>3. Tagħti preferenza għall-ispeċifikazzjonijiet miftuħa</li> <li>4. Tiżgura l-viżibbiltà interna u tipprovdi interfaċċi esterni għas-servizzi pprovduti</li> <li>5. Tuża mill-ġdid u tikkondividi soluzzjonijiet, informazzjoni u <i>data</i></li> <li>6. Ma timponi l-ebda soluzzjoni speċifika għat-teknoloġija fuq l-utent finali</li> <li>7. Tiżgura l-portabbiltà tad-<i>data</i></li> <li>8. Tagħti lill-utenti finali għażliet biex jaċċessaw servizzi li jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tagħhom</li> <li>9. Tipprovdi punt uniku ta' kuntatt għas-servizzi ta' aċċess</li> <li>10. Tistaqsi lill-utenti għal informazzjoni ta' darba u rilevanti biss</li> <li>11. Il-persuni b'diżabilità, l-anzjani u gruppi żvantaġġati oħra jistgħu jaċċessaw is-servizzi</li> <li>12. Is-servizzi huma disponibbli f'aktar minn lingwa waħda</li> <li>13. Tiżgura li l-iskambju tad-<i>data</i> mal-utenti finali jkun sigur u affidabbli</li> <li>14. Tagħti prijorità lill-użu tas-servizzi permezz ta' kanali diġitali</li> <li>15. Il-formati tal-ħżin tad-<i>data</i> jiżguraw aċċessibbiltà fit-tul</li> <li>16. Is-soluzzjonijiet diġitali jiġu evalwati billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti u l-ibbilanċjar bejn il-kostijiet u l-benefiċċji</li> </ol>		

## M2.6. Diġitalizzazzjoni ekoloġika:

<sup>10</sup> Għall-finijiet tal-EIF, l-interoperabbiltà hija l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet (unitajiet ta' amministrazzjoni pubblika jew kwalunkwe entità li taġixxi f'isimhom, jew istituzzjonijiet jew korpi tal-UE) li jinteraġixxu lejn għanijiet benefiċjarji b'mod reċiproku, li jinvolvu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-għarfien bejn dawn l-organizzazzjonijiet, permezz tal-proċessi tan-negozju li jappoġġaw, permezz tal-iskambju ta' *data* bejn is-sistemi tal-ICT tagħhom.

<sup>11</sup> L-EIF il-Ġdid jiddefinixxi 12-il prinċipju ta' interoperabbiltà bħala aspetti ta' mgħiba fundamentali biex jixpruna azzjonijiet ta' interoperabbiltà. Dawn huma prinċipji ġenerali tal-interoperabbiltà rilevanti għall-proċess tal-istabbiliment ta' servizzi pubbliċi Ewropej interoperabbli. Aktar informazzjoni: [https://ec.europa.eu/isa2/sites/default/files/eif\\_brochure\\_final.pdf](https://ec.europa.eu/isa2/sites/default/files/eif_brochure_final.pdf)

*Din id-dimensjoni taqbad il-kapaċità ta' organizzazzjoni li twettaq id-diġitalizzazzjoni b'approċċ fit-tul, li tiegħu r-responsabbiltà u li tiegħu ħsieb il-protezzjoni u s-sostenibbiltà tar-riżorsi naturali u tal-ambjent.*

10. L-organizzazzjoni tiegħek kif tagħmel użu mit-teknoloġiji diġitali biex tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ambjentali? Jekk jogħġbok agħżel l-għażliet kollha li japplikaw:

1. Mudell organizzazzjonali sostenibbli (eż. operazzjonijiet li jagħtu kas tal-ambjent)
2. Tforri servizzi sostenibbli (eż. servizzi pubbliċi diġitali mingħajr l-użu tal-karta)
3. L-akkwist ta' prodotti sostenibbli (eż. l-ekodisinn, l-ippjanar taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott minn tarf sa tarf, tmiem il-ħajja u l-estensjoni tal-ħajja utli)
4. Tqis l-emissjonijiet, it-tniġġis u/jew l-immaniġġar tal-iskart
5. Tiġġenera l-enerġija sostenibbli fil-faċilità stess
6. Tottimizza l-konsum/il-kost tal-materja prima
7. Tnaqqas il-kostijiet tat-trasport
8. Applikazzjonijiet diġitali biex tiġi mħeġġa l-imġiba responsabbli taċ-ċittadini
9. Proċessi amministrattivi mingħajr l-użu tal-karta

11. L-organizzazzjoni tiegħek tqis l-impatti ambjentali fl-għażliet u l-prattiki diġitali tagħha? Jekk jogħġbok ikklassifika l-għażliet kollha li japplikaw bl-użu ta' din l-iskala: *Le, Parzjalment, Iva*:

1. It-tħassib u l-istandards ambjentali huma inkorporati fil-mudell u fl-istrateġija tan-negozju tal-intrapriża
2. Hemm implimentata Sistema/ċertifikazzjoni ta' Ġestjoni Ambjentali
3. L-aspetti ambjentali huma parti mill-kriterji tal-akkwist tat-teknoloġiji/tal-fornituri
4. Il-konsum tal-enerġija tat-teknoloġiji diġitali u l-ħżin tad-*data* huwa mmonitorjat u ottimizzat
5. Ir-riċiklaġġ/l-użu mill-ġdid ta' tagħmir teknoloġiku antik huwa pprattikat b'mod attiv mill-organizzazzjoni